# IL-WARDA

*Hemm fl-eqqel tax-xitwa*
*Fejn joqgħod il-bard*
*Ġo ġnien rajt jinħoloq*
*Blanzun minn tal-ward.*

*Nisthajlu — il-ħajja*
*Li tidher fil-bogħod,*
*Fejn meta iżernaq*
*Il-lejl jgħib bil-mod.*

*U jiena għad nara*
*Huġġieġa ta' ward*
*Issebbaħ w issaħħar*
*Bħal ġenna ta' l-art.*

*Hekk f'ħajti nistenna*
*Ftit jiem aktar sbieħ*
*Minn dawn li fix-xitwa*
*Ivenvnu bir-riħ.*

*'Ma l-ward tas-sbuħija*
*Ifarfar il-lbies;*
*Il-ġmiel u l-foħrija*
*Tispiċċa man-nies.*

*Fil-ħemda tal-għodwa.*
*Fis-sikta tal-ġnien,*
*Hekk taħrab il-ħajja*
*Hekk jgħaddi iż-żmien*

Y. Gatt

---

~~**ID-DIREZZJONI**~~ ta' ~~din ir-rivista tixtieq tixtri l-Għadd 137-142 ta' *Leħen il-Malti* (1942).~~

~~Min għandu kopja u jrid ibigħha jikteb lill-Editur. 18, Triq S. Andrija, Il-Belt.~~